A.L.--- tal-2021

**ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI**
**(KAP. 117)**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP.549)**

**Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss (Emenda Nru. 2)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Att Dwar il-Provvisti u s-Servizzi u l-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi żgħar u l-Ministru għall-Ambjent, Tibdil tal-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tad-Dwana u mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.140.**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss (Emenda Nru. 2) u dawn ir-regolamenti għandom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa bħala "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mall-publikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta:

Iżda subregolament (2) ta' regolament 4 għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn mill-publikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

**Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ Artikolu 5, Artikoli 6(1) u (2) u Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent."

(b) Minnufih wara is-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

**S.L.549.XX**

"(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu flimkien mar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss.

DRAFT

(c) Is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (3).

**Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti priniċipali.**

**3.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti priniċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament il-ġdid li ġej:

**Tifsir .**

"**3.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

**L.S. 549.43.**

"ippakkjar" tfisser ippakkjar kif imfisser fir-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar l-ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart;

"plastik ossodegradabbli" tfisser materjal tal-plastik li jinkludi addittivi li permezz ta' ossidazzjoni, iwasslu għall-frammentazzjoni tal-materjal tal-plastik f'mikroframmenti jew għal dekompożizzjoni kimika;

**L.S. 549.XX**

It-tifsiriet "id-disponibilità fis-suq", "tqegħid fis-suq", "plastik", u "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" għandu jkollhom l-istess tifsira hekk kif imfissra fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss."

**Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (3), u il-kliem "Taqsima B tal-Iskeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Taqsima Ċ tal-Iskeda";

(b) immedjatament wara is-subregolament (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Taqsima B tal-Iskeda għandu jkun ipprojbit."

(c) immedjatament wara is-subregolament (3) hekk kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

**L.S.549.XX.**

"(4) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintuża darba biss imsemmi f'Taqsima Ċ fl-Iskeda 1 tar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintuża Darba Biss li ma jikkonformawx mar-regolament 6 ta' dawk ir-Regolamenti għandhom jiġu pprojbiti."

**Tissostitwixxi l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** L-iskeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda l-ġdida li ġejja:

“SKEDA
(regolament 4)

**Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss koperti mill-projbizzjoni tat-tqegħid fuq is-suq.**

**Taqsima A**

(a) Stikek tal-*cotton buds*, ħlief jekk dawn jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE jew id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE;
(b) Pożati (frieket, skieken, imgħaref, chopsticks);
(c) Platti;
(d) *Straws*, ħlief jekk dawn jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 90/385/KEE jew id-Direttiva 93/42/KEE;
(e) Ħawwada tax-xorb;
(f) Stikek li jitwaħħlu mal-bżieżaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, inklużi l-mekkaniżmi tat-tali stikek;
(g) Kontenituri tal-ikel magħmula minn polistiren espandut, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, b’għatu jew mingħajr, użati biex ikollhom kontenut ta’ ikel fihom li:
    - jkun maħsub għal konsum immedjat jew fuq il-post jew bħala ‘*take-away*’,
    - tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur, u
    - huwa lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tisħin,

    inklużi kontenituri tal-ikel użati għal ikel ta’ malajr (*fast food*) jew ikliet oħra lesti għal konsum immedjat, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u tgeżwir li fihom l-ikel;
(h) Kontenituri tax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom;
(i) Tazez għax-xorb magħmula minn polistiren espandut, inklużi l-għotjien tagħhom.

**Taqsima B**

(a) Plastik li jintuża biex jappoġġa l-għatu tal-kaxxa tal-pizza;
(b) Stikkek li jkunu mehmużin ma’ u li jappoġġaw lollipops mqegħda fuq is-suq waħedhom;
(c) Stikek tal-Kebab;
(d) Toothpicks.

**Taqsima Ċ**

Kontenituri tax-xorb b’kapaċità sa tlett litri, jiġifieri reċipjenti użati biex jżommu kontenut ta’ likwidu fihom, bħal fliexken tax-xorb inkluż it-tappijiet u l-għotjien tagħhom, u l-ippakkjar ta’ xorb imħallat inkluż it-tappijiet u l-għotjien tiegħu, imma mhux:

- kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew metall li għandhom tappijiet jew għotjien magħmula mill-plastik; u
- kontenituri tax-xorb maħsuba u użati għal ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit f’punt (g) tal-Artiklu 2 tar-Regolament (UE) No 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huwa f’forma likwida.”

DRAFT